MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 21/2005

**John Caruana**

**vs**

**Grand Hotel Mercure Selmun Palace**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Settembru 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Introduzzjoni
Dan il-kaz gie rriferut lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors f' isem John Caruana fit-8 ta' Mejju 2005 mill-Avv. Marvic DeBarro fejn qed jghid illi t-terminazzjoni ma kinetx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Is-Sur John Caruana kien assistit mill-Avv. Marvic DeBarro u mis-Sur Josef Bugeja Segretarju tal-General Workers' Union.

Ghas-socjeta` Grand Hotel Mercure Selmun Palace deher is-Sur K. Sanhadj u s-Sur Mario Cilia assistiti mill Avv. Andrew Borg-Cardona.

It-Tribunal zamm seduta wahda

Stqarrija tal-Kaz
L-appellant kien fl-impieg mas-socjeta` appellata ghal madwar hames snin u kien jaghmel xoghol ta' *maintenance* bhala *technician.*

Illi l-impieg tieghu mas-socjeta` appellata kien permezz ta' kuntratti definiti li jvarjaw minn zmien ghal zmien li huma (1) mit-2 ta' Gunju 2000 sal-31 ta' Mejju 2001 (2) mill-1 ta' Gunju 2001 sal-10 ta' Gunju 2001 (3) mill-11 ta' Gunju 2001 sal-31 ta' Ottubru 2001 (4) mill-1 ta' Novembru 2001 sat-3 ta' Novembru 2002 (5) mill-4 ta' Novembru 2002 sat-2 ta' Novembru 2003 (6) mit-3 ta' Novembru 2003 sal-1 ta' Frar 2004 (7) mit-2 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Ottubru 2004 (8) mill-1 ta' Novembru 2004 sat-2 ta' Jannar 2005 u (9) mit-3 ta' Jannar 2005 sas-27 ta' Marzu 2005.

Illi fl-24 ta' Marzu 2005 l-appellant gie avzat permezz ta' ittra illi l-ahhar kuntratt tieghu kien qed jigi terminat b'effett ta' dik l-ittra.

Illi l-kuntratti definiti ta' l-appellant kienu ta' natura kontinwa u jirrizulta li l-kuntratti definiti b' kollox qabzu l-erba' snin li skond l-Avviz Legali 429 ta' 2002 kellu jinghata post fuq bazi indefinita.

Is-socjeta` appellata tghid illi l-kaz jirrigwardja nuqqas ta' tigdid ta' kuntratt ghal zmien definit meta dan wasal ghall-eghluq tieghu.

Illi f' dan l-isfond it-Tribunal irid jara jekk ghandux poter jidhol fi kwistjoni bhal din meta ma kienx hemm tkeccija izda nuqqas ta' tigdid ta' kuntratt li kien wasal ghat-tmiem tieghu.

Konsiderazzjonijiet

Dan il-kaz hu dwar illi l-appellant kien fuq kuntratti definiti illi b’ kollox dawn il-kuntratti qabzu l-erba’ snin li skond l-appellant l-Avviz Legali 429 ta’ l-2002 kellu jinghata post fuq bazi indefinita. Is-socjeta` appellata issostni illi t-Tribunal irid jara jekk ghandux poter fil-kwistjoni meta ma kienx hemm tkeccija izda nuqqas ta’ tigdid ta’ kuntratt.

Fil-kaz in ezami l-appellant beda bl-ewwel kuntratt definit tieghu fit-2 ta’ Gunju 2000 u kif jidher mid-dokumenti esibiti kompla bil-kuntratti definiti minghajr ebda interruzzjoni sas-27 ta’ Marzu 2005.

L-Avviz Legali 429 ta’ l-2002 beda fis-sehh fl-1 ta’ Jannar 2003. Il-kuntratti definiti fil-fatt kienu ilhom li bdew mit-2 ta’ Gunju 2000 izda l-ligi giet in effett mill-1 ta’ Jannar 2003. Hu ghalhekk evidenti illi waqt li l-appellant ghandu terminu ta’ zmien taht kuntratti definti minghajr ebda nterruzzjoni ghal aktar miz-zmien ta’ erba’ snin naraw illi l-ligi giet effettiva mill-1 ta’ Jannar 2003 liema zmien l-appellant f’ dan il-kaz ma jinkwadrax ruhu fil-ligi ghat-terminu ta’ zmien ta’ erba’ snin.

Decizjoni
It-Tribunal Industrijali jiddeciedi illi dan il-kaz ma hux fil-kompitu ta’ l-Avviz Legali 429 ta’ 2002 u ghalhekk ma hux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal. L-appellant kien b’ kuntratt ghal perjodu definit.

B’ hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Ir-rikorrenti John Caruana appella mis-sentenza tat-Tribunal Industrijali b’ aggravji li jikkontestaw ir-ragjonament tat-Tribunal fejn dan iddetermina li l-kaz ma jirrientrax fil-parametri ta’ l-Avviz Legali 429 ta’ l-2002 u fejn iddikjara wkoll li l-kaz kien jesorbita mill-gurisdizzjoni tieghu;

Huwa importanti li qabel xejn tigi ezaminata l-kwestjoni relattiva ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunal adit, anke ghaliex jekk jinstab li dan kien hekk inkompetenti *rationae*

*materiae* jkun futili li wiehed jinoltra ruhu fil-meritu tal-vertenza;

Kif rilevat mill-appellanti, bir-rikjam li jaghmel ghall-orjentament espress minn din il-Qorti, kif presjeduta, fid-decizjoni taghha tat-23 ta’ Frar 2005 fl-ismijiet “**Rita Nehls -vs- Sterling Travel and Tourism Limited**”, l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) ikkonferixxa lit-Tribunal Industrijali gurisdizzjoni li jikkunsidra u jiddeciedi mhux biss kazijiet fejn tkun allegata tkeccija ngusta imma wkoll dawk il-materji fejn ikun allegat mill-haddiem ksur ta’ xi dritt tieghu taht it-Titolu I ta’ l-Att jew tar-regolamenti preskritti tahtu. Dan jirrizulta mhux biss mid-dispost ta’ l-Artikolu 75 (1) imma wkoll espressament mill-Artikolu 30 (1) ta’ l-Att ghal kazijiet ta’ allegata diskriminazzjoni relatata ma’ l-impjieg. Hu daqstant iehor car mid-dispost tar-Regolament 8 taht l-Avviz Legali 429/2002 ghal kazijiet koncernanti kuntratti ta’ servizz ghal terminu ta’ zmien fiss, kif inhu l-kaz hawnhekk. M’ hemmx dubju allura illi fit-termini tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz sottomess mill-appellanti lit-Tribunal dan ghandu dik il-gurisdizzjoni li jitratta u jiddeciedi l-vertenza quddiemu in kwantu koncepita fil-parametri tal-precitat Avviz Legali;

Fis-semplicita` taghha t-talba devoluta mill-appellanti lit-Tribunal adit kienet diretta ghall-ezami u definizzjoni minn dak it-Tribunal tal-kwestjoni dwar jekk l-appellant kienx intitolat ghal konversjoni tal-kuntratt ta’ impjieg li kellu ghal zmien fiss ghal wiehed ghal zmien indefinit skond kif prefiss fl-imsemmi Avviz Legali;

B’ introduzzjoni preliminari jibda biex jigi osservat illi l-Avviz Legali 429 ta’ l-2002 jidher li kien intiz biex jirriforma drastikament id-dixxiplina tal-kuntratt ta’ impjieg ghal zmien definit u biex jadegwa in-normi tieghu mad-Direttiva tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropeja Numru 99/70 tat-28 ta’ Gunju 1999 relattiva ghall-attwazzjoni tal-ftehim fuq il-politika socjali dwar kuntratti tax-xoghol bi zmien

determinat konkluz mill-ETUC, UNICE u CEEP. Jinghad propju f' para. 14 tal-ftehim raggunt minn dawn l-organizzazzjonijiet generali ta' l-industrija illi huma xtaqu jikkonkludu fir-rigward ta' dawn ix-xorta ta' impjiegi certi principji generali regolanti simili kuntratti. *Inter alia*, li jtejbu l-kwalita` ta' xoghol b' terminu fiss billi jizguraw l-applikazzjoni tan-non-diskriminazzjoni u ghall-prevenzjoni ta' abbuz mill-uzu ta' kuntratti ta' impjieg jew relazzjonijiet ta' terminu fiss successivi;

Ezami tar-Regolamenti introdotti mil-legislatur Malti permezz ta' l-Avviz Legali imsemmi ghandu juri li dan ried juniforma ruhu ma' din il-politika socjali komunitarja. Fihom huma indikati t-termini essenzjali ta' din il-politika fir-rapport tax-xoghol ghal terminu ta' zmien fiss:-

1. Ibda biex, il-principju tan-non-diskriminazzjoni kontenuta fir-Regolament 4 li jkompli jamplifika fuq dak gja stabbilit fl-Artikolu 34 ta' l-Att. Dan jipprovdi ghall-parita` ta' trattament ta' impjegati b' kuntratt ta' servizz b' terminu ta' zmien fiss u dawk l-impjegati permanenti komparabbli. Id-differenza li jidher li hi konsentita fil-kondizzjonijiet tax-xoghol ta' impjegat wiehed u l-iehor mhix dovut bhala xi mizura eccezzjonali imma ghaliex ikunu jezistu ragunijiet oggettivi, u mhux allura arbitrarji jew illeciti, li jinducu ghal rapport bi zmien fiss, jew fejn il-bicca xoghol tkun wahda specifika u tali hu gustifikat minn kunsiderazzjonijiet oggettivi;

2. Ghall-iskop tal-kwestjoni taht kunsiderazzjoni aktar fundamentali hu r-Regolament 7 ta' l-Avviz Legali. Fid-dixxiplina antecedenti taht ic-CERA kuntratt ghal zmien definit kien jispicca ma' l-gheluq taz-zmien stabbilit jekk ma jigix prorogat. Issa l-imsemmi Regolament 7 jahseb ghal konverzjoni tal-kuntratt minn wiehed bi zmien ghal wiehed indefinit. Dan imur oltre dak provvdut fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 34 ta' l-Att XXII ta' l-2002 ghal kaz fejn impjegat b' kuntratt ghal zmien ma jinghatax kuntratt simili gdid fi zmien ta' tnax (12) il-gurnata minn meta jkun ghalaq il-kuntratt ta' qabel. Issa jinsab statwit illi meta haddiem kien hekk impjegat kontinwament b'

kuntratt ta’ xoghol ghal zmien fiss jew b’ dak il-kuntratt mehud ma’ kuntratt ta’ servizz ghal terminu ta’ zmien fiss qablu li jaqbez erba’ (4) snin, dak l-impjegat ghandu jitqies bhala impjegat b’ kuntratt ta’ tul indefinit. Dan hu hekk il-kaz sakemm min ihaddem ma jipprovdix ragunijiet oggettivi li jiggustifikaw il-limitazzjoni tat-tigdid ta’ dak il-kuntratt ghal terminu ta’ zmien fiss. Jissokta jinghad fil-proviso ghas-subparagrafu (2) tar-Regolament 7 illi f’ sitwazzjoni bhal din id-data effettiva meta impjegat ghandu jitqies li hu impjegat fuq bazi indefinita hija d-data meta l-kuntratt ghal zmien fiss beda jopera jew, fil-kaz ta’ kuntratti successivi, meta l-kuntratt kien imgedded l-ahhar darba. Fi kliem iehor, id-dekorrenza tal-konversjoni minn kuntratt ghal zmien fiss ghal wiehed indeterminat tibda, skond il-kaz, jew mid-data ta’ l-istipulazzjoni ta’ l-ewwel kuntratt jew fl-ipotesi ta’ ri-assunzjonijiet successivi meta l-kuntratt bi zmien gie l-ahhar prorogat;

Ri-affermati dawn ir-Regolamenti li ntroducew id-dixxiplina gdida fil-kaz ta’ kuntratti ta’ impjieg ghal zmien fiss, jidher mis-sentenza appellata illi l-argoment kollu rakkjuz fil-gudizzju tat-Tribunal hu dak li nonostante li l-kuntratti successivi ghal zmien fiss kellhom fil-kaz ta’ l-appellanti l-bidu taghhom bil-kuntratt tat-2 ta’ Gunju 2000 mentri l-Avviz Legali 429/2002 dahal fis-sehh fl-1 ta’ Jannar 2003, *ergo* r-regolamenti preskritti f’ dan l-Avviz Legali ma kellhom ebda applikabilita` ghall-kaz tieghu. Bir-rispett kollu dovut din il-Qorti ma tistax tikkondividi dan l-argument;

Gja gie muri aktar ‘il fuq illi l-Avviz Legali msemmi johloq il-presuppost ghall-kwalifika tar-rapport minn wiehed biz-zmien ghal wiehed indeterminat. Certament din il-formulazzjoni gdida tponi kwestjoni ta’ rilevanza ermenewtika ghall-individwazzjoni ezatta ta’ l-applikabilita` tar-Regolament 7. Dan bir-riferiment li jaghmel ghad-data ta’ l-ewwel stipulazzjoni tal-kuntratt jew bl-assocjazzjoni, fil-kaz ta’ kuntratti successivi bi zmien, ghal meta l-kuntratt kien l-ahhar imgedded. M’ hemmx dubju illi sakemm ma giex dispost xort’ ohra dak ir-regolament dahal in vigore b’

mod immedjat mal-pubblikazzjoni ta' l-Avviz Legali. Jigi notat illi minn imkien ma jinghad fl-istess Avviz Legali illi l-*potesta`* ta' dan ir-Regolament ma kellux jolqot ukoll il-kuntratti ta' impjieg ghal zmien fiss li kienu operattivi fil-mument tad-dhul fis-sehh tieghu, jew li tali kuntratti successivi qabel l-1 ta' Jannar 2003 ma kellhomx jitqiesu ghal finijiet ta' komputa ta' erba' snin, kif hekk specifikament hu provvdut, ad ezempju fir-Regolamenti tal-ligi Ingliza ta' l-1 ta' Ottubru 2002 citati mill-appellant, jew kif jidher li hu l-kaz f' dawk tal-ligi Taljana korrispondenti (Nru. 368 ta' l-2001). Fis-skiet ta' l-Avviz Legali il-gudikant irid jigbed il-konkluzjoni tieghu dwar l-applikazzjoni tat-testi legislattivi godda introdotti u tal-kwestjoni interpretativa dwarhom ghal kaz in ispecje;

Kif taraha din il-Qorti, fl-assenza ta' data specifika ghall-operattivita` tar-regolamenti dawn kellhom jircievu ezekuzzjoni immedjata anke in riferiment ghall-kuntratti bi zmien fiss li raw il-bidu taghhom qabel l-1 ta' Jannar 2003 u li kienu ghadhom fis-sehh wara din id-data. Ma jidherx li kien fil-hsieb tal-legislatur Malti li jiddiskrimina ma' impjegati li kienu ilhom b' mod successiv jigi mgedded lilhom il-kuntratt bi zmien fiss minn qabel il-promulgazzjoni tar-Regolamenti. Pjuttost il-kontra hu l-kaz in kwantu jidher li ried li lil dawn ukoll jinghata it-trattament rikonoxxut lilhom mill-istess Regolamenti, gjaladarba wkoll, mill-fonti li pproducithom, ma kien hemm xejn li jindika mod iehor;

Jikkonsegwi minn dan illi l-Qorti thossha fid-dmir li tiddissenti mill-gudizzju tat-Tribunal u tghaddi biex takkolji l-aggravju fil-kapi lilha sottomessi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar is-sentenza tat-Tribunal Industrijali. Tirrimanda lura l-atti lill-istess Tribunal ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-meritu fit-termini tar-Regolament 7 ta' l-Avviz Legali 429 ta' l-2002. Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz

jinhass xieraq li l-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------